MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Numru 589/2007

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
CHRISTOPHER FALZON

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Falzon, ta’ 24 sena, bin il-mejjet John u Catherine xebba Fenech, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Dicembru 1982 u residenti ‘Gianni, Plot 10’, Triq Santa Katerina, Qrendi. Detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 37983(M)

U akkuzat talli fil-Qrendi u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, bejn Dicembru 2006 u Jannar 2007, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ecita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta persuna ta taht l-eta, u cioe A, minuri ta’ 12-il sena;
2. Bhala cittadin, jew residenti permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gibet jew ippermetta li jingibet xi ritratt, film, video recording, jew xbieha elettronika, indecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta’, jew qassam jew wera ritratt, film, video recording, jew xbieha elettronika ndicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording, jew xbieha elettronika ndicenti bhal dawn.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammisjoni ta’ l-imputat;

Semghat il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat ghamel ammisjoni piena ta’ l-akkuzi kif detotti kontra tieghu fil-kawza odjerna.

Illi l-fatti specie tal-kas kif konfermati mill-Ufficjal Prosekutur u minn genituri tal-minuri indikata fl-akkuza, juru li l-imputat kien kollega tax-xoghol ta’ missier il-minuri, B u kien persuna ta’ fiducja tal-familja C kollha u mithla tad-dar. Ghaldaqstant nibtet hbiberija bejnu u bejn il-minuri, A, tifla ta’ tnax-il sena u l-imputat beda jaghdilha xi diski li huwa nizzel mill-kompjuter tieghu, ttrassformahom sabiex il-minuri tkun tista’ tisma’ l-istess diski, fuq l-MP3 taghha. Min hawnhekk imbaghad, l-imputat beda jitlob ritratti ndicenti tal-minuri, bhala forma ta’ hlas ghal ‘pjacir’ illi kien qed jaghmlilha u dana ovvjament ad insaput tal-genituri taghha. Ir-ritratti koncernati kienu ritratti tal-minuri gharwiena.

Il-ġenituri xtaqu illi jaħfru lill-imputat u ma ppretendew xejn minghandu u ghaldaqstant irtiraw il-kwerela taghhom ghar-rigward ta’ l-ewwel akkuża.

L-Ispettur Louise Calleja a fol.19 ikkonfermat l-investigazzjoni taghha.

L-imputat, min-naha tieghu, ikkonferma l-involviment tieghu b’mod totali fl-istqarrija tieghu LC1 a fol.22 sa 24.

Illi, fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib l-imputat hati tat-tieni akkuza u in vista tar-rinunzja tal-kwerela fuq l-ewwel akkuza l-Qorti tiddikjara l-proceddiment ezawrit fil-konfront ta’ l-ewwel akkuza, u wara li rat Artiklu 208A, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xuhur prigunerija, sospizi ghal tlett snin. Inoltre tqeghdu taht ‘supervision suspended order’ ghal perijodu ta’ tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services, jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti rat illi fil-mori tal-kawza, l-imputat u t-tfajla tieghu attendew sessions terapewtici ma’ ‘clinical pshycologist’, Dr. Charles Azzopardi li xehed quddiem din il-Qorti. L-Qorti giet assikurata illi l-imputat ma jbati minn ebda mard jew patologija u li dak li gara kien incident li gie imsejjah, minn l-istess Dr. Azzopardi, bhala ‘out of character’ u li l-fehema tal-psikologu kienet li dan kien episodju wahdieni u ghaldaqstant ma deherlux li l-imputat kien qed ibati minn xi fissazzjoni pedofilika u kkonkluda li ma kienx jehtieglu aktar terapija minn dak illi diga’ inghata.

Illi l-piena li giet moghtija lill-imputat, giet milhuqha, wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kas, il-mahfra tal-genituri tal-minuri, l-eta’ giovanili ta’ l-imputat u l-fedina penali netta tieghu.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services u li l-Probation Officer, minnu nnominat ghandu jirraporta lil din il-Qorti kull sitt xuhur fuq l-andament ta’ l-imputat. Il-Qorti, in oltre tordna, illi l-isem tal-minuri u tal-genituri taghha ma ghandhomx jixxandru f’ebda mezz tax-xandir u dana ghal protezzjoni ta’ l-istess minuri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------